MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Citazzjoni Numru. 102/2001/1

Modesta sive Maudie armla ta' Eucharistico Cini

vs

Vincent u Susan konjuġi Portelli,
Bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza
tal-kumpanija "Saint Martin's Caterers Limited".

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi hija proprjetarja tal-fond bin-numru ħamsa (5), Quarters stret, Victoria, Għawdex u tal-ambjenti l-oħra kollha aċċessorji għalih, liema fond hija akkwistatu b'kuntratt tal-ħdax (11) ta' Ġunju 1999 (atti Nutar Enzo Dimech) (Dokument "A") u huwa provenjenti mill-eredita' tal-Prokuratur Legali Giuseppe Saliba u ta' martu Anna Maria nee' Calleja u kien oġġett ta' patrimonju sagru a favur tas-

saċerdot Giorgio Saliba skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Onorato Giovanni Refalo tas-6 ta' Diċembru 1899 (Dokument "B"), liema fond sussegwentement ġie trasferit flimkien ma' beni oħra immobbli minn ċertu Emanuel Camilleri in forza ta' żewġ kuntratti – wieħed tas-7 ta' April 1990 (atti Nutar Giuseppi Spiteri) u l-ieħor tat-8 ta' Jannar 1991 (ukoll atti Nutar Giuseppi Spiteri) – dokuemnti "C" u "D";

Illi wara li l-attriċi u l-avanti kawża tagħha institwew avviż kontra l-istess konvenuti fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), inferjuri fl-ismijiet : "Carmel sive Charles u Emanuel aħwa Cini u b'nota tat-13 ta' Lulju 1999 Maria xebba Caruana assumiet l-atti ta' din il-kawża minflok Charles Cini u Emanuel Cini u dina bħala mandatarja speċjali ta' Modesta sive Maudie armla ta' Eucharistico Cini u dina kif awtorizzata bl-annessa prokura markata bħala Dokument "A" -vs- Vincent u Susan konjuġi Portelli (Avviz Nru: 14/96 (Pc), l-istess konvenuti eċċipew illi huma proprjetarji tal-istess fond akkwistat in forza ta' kuntratt tat-tnax (12) ta' Diċembru 1994 (atti Nutar Francis Micallef – Dokument "E").

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-fond hawn fuq deskritt bin-numru ħamsa (5) Quarters street, Victoria, Għawdex bl-ambjenti kollha miegħu huwa proprjeta' esklussiva tal-attriċi;

2. Konsegwentement tiddikjara null u bla ebda effett il-kuntratt ippubblikat fit-tnax (12) ta' Diċembru 1994 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef – Dok "E" u tiddikjara għalhekk illi l-istess konvenuti qegħdin jokkupaw l-istess fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss jiżgumbraw mill-immobbli hawn fuq deskritt u ċioe' il-post bin-numru 5, Quarters Street, Victoria, Għawdex bl-ambjenti kollha

miegħu, liema fond huma qegħdin jokkupaw mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjonijiet tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi debitament maħlufa minnha.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi qabel xejn għandu jiġi preċiżat illi l-esponenti Vincent u Susan Portelli personalment qatt ma ppretendew illi huma proprjetarji tal-fond numru ħamsa (5) Quarters Street, Victoria, bl-ambjenti tiegħu, u għalhekk ma humiex il-leġittimi kontraditturi tal-attriċi. Għall-kuntrarju l-proprejtarja ta' dan il-fond hija s-soċjeta' "Saint Martin Caterers Limited", u hija din il-leġittima kontradittriċi tal-attriċi.

2. Illi minghajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi ma hijiex u qatt ma kienet il-proprejtarja tal-fond de quo u għalhekk it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attriċi,

3. Illi in linea sussidjarja – u dwar dan qiegħed jingħad speċifikament illi din l-eċċezzjoni qegħda titqanqal f'dan l-istadju biss u unikament minħabba d-dispożizzjoni tal-Kap. 12 li jeżiġu illi l-eċċezzjonijiet għandhom jitqajmu kollha *in limine lities* - is-soċjeta' Saint Martin Caterers Limited hija llum il-proprjetarja leġittima tal-fond imsemmi, u akkwistat dan il-fond mingħand min kien is-sid tiegħu, u għal din ir-raġuni wkoll it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi.

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Vincent Portelli.

Rat il-verbal tagħha tal-10 ta' Ottubru 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa  u d-dokumenti w affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi, kif jaqblu l-kontendenti, din hija kawża rivendikatorja. Dwar din l-azzjoni il-**Pacifici Mazzoni**  jfisser illi:

"*La proprieta'… e' un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria… . L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta', che e' il fondamento della sua azione. Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario. Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii:* ***actore non probante, reus absolvitur; in pari causa,melior est conditio possidentis****… . La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione. Ma colla*

*comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau, *che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta* ***probatio diabolica****. Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto. Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*

*1. Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta', consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo* sia anteriore al possesso del reo convenuto… .

*2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi…..*

*3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….*

*Del resto la prova della propreta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico.*

*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[1]

[1] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884; vol. III. # 131 - 134, p. 207 et seq.

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, nsibu l-qrati tagħna jispjegaw illi:
"…. *L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**'. Ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez. Vol. XXIX. II. 488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-**pussessur konvenut**'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez. XXXII. I. 282; XXXIII. II. 266; XXXV. I. 518; XXXVII. I. 105*;"[2]

Hekk ukoll ingħad illi:

" *Rekwiżiti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li **l-konvenut ikun qed jippossediha.***

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrincjarja ruħu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tiegħu".*[3]

---

[2] Appell Civili : Giuseppe Buhagiar v. Giuzeppi Borg : 17.11.1958; Kollez. vol. XLII. pt. I. p. 575 .
[3] Giuseppi Abela vs John Zammit : P.A.16.5.1963

Imma qabel ma nidħlu fil-mertu, jenħtieġ li tiġi ttrattata eċċezzjoni ta' natura preliminari sollevati mill-konvenuti. Din tirrigwarda l-istatus tal-konvenuti proprio bħala leġittimi kontradittturi f'din il-kawża. Jirriżulta minn kopja ta' kuntratt esebit mill-attriċi stess, illi l-proprjeta' li din qed tipprova tirrivendika kienet inxtrat mis-soċjeta' "Saint Martin's Caterers Limited."[4] Infatti wara li ndunat b'dan l-iżball, u qabel ma ġiet ippreżentata n-nota ta' l-eċċezzjonijiet, l-attriċi talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawża, u din il-Qorti b'digriet tagħha ta' l-24 ta' Jannar 2002 laqgħet l-istess talba, biex il-konvenuti ġew li qed jidhru bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' ndikata. Għalhekk u in vista ta' din il-korrezzjoni awtorizzata, din l-eċċezzjoni qed tiġi minnufih respinta.

Fil-mertu mbagħad nsibu illi l-attriċi qed tibbaża t-titolu tagħha fuq diversi atti, fosthom att korrettorju li kien sar fit-8 ta' Jannar 1991 u li minnu ġejja l-provenjenza tagħha, fejn fost beni oħra issemma fond bin-numru ħamsa (5) Triq il-Kwartieri fiċ-Cittadella, li hija tikkontendi hu l-istess fond akkwistat mill-konvenuti nomine permezz tal- kuntratt fuq imsemmi.[5]

Imma l-konvenuti nomine, da parti tagħhom, jsostnu fost ħwejjeġ oħra:

(i) illi l-proprjeta' msemmija fil-kuntratt li fuqu qed tibbaża it-titolu tagħha l-attriċi mihiex l-istesss waħda mixtrija minnhom, u konsegwentement

(ii) m'hemm l-ebda lok għar-rivendika ta' l-art minnhom hekk akkwistata.

A bażi tal-prinċipji stabiliti hawn fuq, sew fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, minkejja illi l-konvenuti nomine qed jeċċepixxu titolu ta' proprjeta', u għalhekk il-prova ta' dan neċessarjament taqa' fuqhom, irid madankollu jiġi stabilit qabel xejn u b'mod definittiv jekk il-fond li qed tipprova

[4] Dok. E anness maċ-ċitazzjoni : att tat-12.12.1994 tan-Nutar Dr. Francis Micallef a fol. 23 - 25 tal-proċess .
[5] ibid.

tirrivendika l-attriċi hux l-istess wieħed li kien ġie akkwistat mill-konvenuti nomine kif fuq ingħad.

Il-**konvenuti nomine** akkwistaw dan il-fond tagħhom mingħand ċertu Carmel Attard permezz ta' kuntratt ta' bejgħ li sar fit-12 ta' Diċembru 1994.[6] Fuq dan l-att, il-fond in vendita kien ġie deskritt hekk :

" *lok ta' djar bla numru fi Triq Kwartieri, iċ-Cittadella, Victoria, Għawdex, illi jikkonfina mill-Punent mat-triq imsemmija, Nofsinhar ma' beni ta' Peter Hutley u mit-Tramontana ma' beni tas-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef Professur Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici*…"

Fuq l-istess att ġie dikjarat illi l-fond in vendita kien provenjenti lill-venditur "*mill-wirt u suċċessjoni ta' Giuseppa Grech, iz-zija materna ta' Carmel Attard* …" Skond l-istess Carmel Attard, din zitu kienet wirtet l-istess fond mingħand żewġha Giuseppe,[7] li minn naħa tiegħu kien akkwistah mingħand ċertu Paolo Spiteri b'att tat-23 ta' Diċembru 1930.[8]

Minn naħa l-oħra l-attriċi tinsisti li l-fond in kwistjoni sar proprjeta' tagħha bil-mod segwenti:

1. Permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni in atti Nutar Dr. Enzo Dimech tat-28 ta' Diċembru 1998, hija rċeviet mingħand uliedha Carmel u Emmanuel, diversi beni fiċ-Cittadella ta' Għawdex, fosthom: "*Il-fond bin-numri ħamsa, sitta, sebgħa, tmienja u disgħa (5, 6, 7, 8 u 9), Quarters Street, Victoria, Għawdex.*" [9]

2. Fl-istess kuntratt ingħad illi din il-proprjeta' ipperveniet lid-donanti b'żewġ kuntratti tan-Nutar Joseph Spiteri: wieħed tas-sebgħa (7) ta' April 1990 u l-ieħor tat-8 ta' Jannar 1991. Bl-ewwel kuntratt l-aħwa Cini xtraw mingħand ċertu Emanuel Camilleri: "*l-għalqa msejħa "Ta' Fuq is-Sur fiċ-Cittadella, Victoria, Għawdex,*

---

[6] ibid.
[7] Dok. A a fol. 74 - 75 tal-process .
[8] ara affidavit ta' Carmel Attard a fol. 71 - 73 u kontro-ezami tiegħu a fol. 130 -148; ara wkoll Dok. D a fol. 78 - 79 tal-process
[9] Dok. MC 1 a fol. 157 - 159 tal-process

*tal-kejl ta' ċirka sigħan sive tliet mija u erbgħa u sebgħin metri kwadri (374mk) jew kejl verjuri tmiss mit-tramunata u grigal ma' Quarters Street u nofsinhar ma' Triq Zenka jew konfini oħra iktar korrenti, libra u franka bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, kif murija fil-pjanta annessa Dokument X*." [10] Infatti l-art in vendita kienet ġiet indikata b'marka "X" kbira fuq din il-pjanta.[11] Fuq l-istess att ġie spjegat ukoll illi: "*Inkluż f'dan il-bejgħ hemm l-art kollha proprjeta' tal-venditur li wiret mingħand il-Prokuratur Legali Giuseppe Benedetto Saliba u għalhekk kemm-il darba jirriżulta illi l-art ta' l-imsemmi Giuseppe Benedetto Saliba kienet iktar minn dik fuq deskritta, dan l-eċċess għandu jittieħed bħala li hu inkluż f'dan il-bejgħ u fi kwalunkwe żmien il-kompratur ikollu l-jedd jesiġi l-korrezzjoni ta' dan l-att mingħajr ma jkun dovut ebda ħlas jew kumpens ulterjuri lill-venditur*." [12]

*3.* Dan Emmanuel Camilleri kien l-uniku eredi ta' l-imsemmi P.L. Saliba skond testment in atti l-istess Nutar ta' l-1 ta' April 1978.[13]

*4.* Wara li għamlu xi riċerki dwar x'proprjeta' kellu l-P.L. Saliba, l-aħwa Cini skoprew illi fost il-beni li kellha l-familja tiegħu, u li suppost kollha waqgħet f'idejh bil-premorjenza ta' ħutu, kien hemm il-fondi ġia msemmija numri 5, 6, 7, 8 u 9 fi Triq il-Kwatrieri,Victoria, Għawdex. Għalhekk, u in ottemporanza ma' dak li kien ġie miftiehem fl-ewwel kuntratt esiġew mingħand l-istess Emmanuel Camilleri li jsir kuntratt korettorju ħalli tiġi inkluża wkoll din il-proprejta' fil-bejgħ li kien sar. Infatti f'dan it-tieni kuntratt ġie mfisser b'ċertu dettal illi: "… i*rriżulta li l-art 'de quo' kienet ta' estensjoni ikbar u fuq parti minnha kien hemm ukoll immobbli urbani indikati bin-numri ħamsa (5), sitta (6), sebgħa (7), tmienja (8) u disgħa (9) ta' Triq il-Kwartieri, Victoria, Għawdex;*

*Illi l-immobbli trasferiti kien proprjeta' tal-Prokuratur Legali Giuseppe Saliba u ta' martu Maria Anna nee' Calleja, u*

[10] Dok. C a fol. 13 - 16 tal-process .
[11] ara pjanta annessa ma' l-istess att a fol. 17
[12] a fol. 14 - 15 tal-process .
[13] Dok. MC 5 a fol. 167 - 171 tal-process .

*din, flimkien ma' beni oħra kienet oġġett ta' patrimonju sagru mil-istess konjuġi Saliba lil binhom Giorgio (sussegwentement sacerdot) Saliba skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Onorato Giovanni Refalo tas-sitta (6) ta' Diċembru ta' l-elf tmien mija u disgħa u disgħin (1899);*

*Illi l-proprieta' tinsab deskritta fir-relazzjoni peritali li hemm annessa ma' l-istess Att bil-mod segwenti u ċioe':-*
*'Due luoghi di case site congunte uno di questi segnato col numero cinque (5) e l'altro e' segnato col numero 6, 7, 8 e 9 poste nel castello della citta' Vittoria, e nella strada Quartiere.* ***Il primo sudetto no 5 consiste in entrata coperta congiunta ad una stalla -in sottoscala a scala scoperta conducente per il piano superiore nel quale esistono un verone scoperto, una cucina ed una camera da letto****; l'altro consiste anche in due piani, nel inferiore si contengono due stalle, una scala scoperta conducente per il piano superiore nel quale esistono un verone scoperto, e quattro camere in una di esse esiste un soppalco di pietra - ed una giardinetta annessa alla detta entrata consitente in una lenza della capacita' di misure otto e mezzo - con questo luogo di case esiste una cameretta di cui la porta e' segnata col numero sei (6) , in tutto e' confinato da levante in parte con beni di Carmelo Tabone ed in parte con beni di Michelangelo Zammit, da mezzodi' con beni di detto Zammit, da ponente con la strada quartiere - e da tramontana con la stessa strada - il tutto e' franco.'*

*Illi l-imsemmija Joseph u Maria Anna konjuġi Saliba mietu rispettivament fit-tletin (30) t'Ottubru elf disa' mija u sebgħa u tletin (1937) u fid-disgħa (9) t'Awissu elf disa' mija u wieħed u erbgħin (1941), u r-Reverendu Saċerdot Dun Gorg Saliba miet fid-disgħa u għoxrin (29) t'Ottubru elf disa' mija u ħamsin (1950), u l-wirt tagħhom ilkoll iddevolva favur Antonio, Annunziata, Vincenza u l-Prokuratur Legali Giuseppe Benedetto, ilkoll aħwa Saliba li permezz t'att ta' diviżjoni tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar elf disa' mija u wieħed u ħamsin (1951) fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci assenjaw l-istess immobbli lill-imsemmija Vincenza Saliba.*

*Illi Vincenza Saliba mietet fil-ħdax (11) ta' Frar ta' l-elf disa' mija u tnejn u sittin u rregolat is-suċċessjoni tagħha b'testment fl-atti tan-nutar Francesco Gauci tad-disgħa (9) t'April ta' l-elf disa' mija u wieħed u ħamsin (1951) skond liema testment hija nnominat bħala eredi tagħha universali lil oħtha Annunziata Saliba. Billi fil-fatt l-istess Annunziata Saliba mietet fit-tmintax (18) ta' Diċembru ta' l-elf disa' mija u wieħed u sittin (1961) u ċioe' qabel oħtha Vincenza, il-wirt ta' l-istess Vincenza Saliba ddevolva skond il-liġi favur ħuha l-Prokuratur Legali Giuseppe Benedetto Saliba li kien l-uniku wieħed mill-aħwa li ssopraviva għaliha billi ħutha l-oħra kollha mietu qabilha u mingħajr ulied.*
*Illi Giuseppi Benedetto Saliba miet fl-erbgħa u għoxrin (24) t''April elf disa' mija u tmenin (1980);*

*Illi l-istess Emmanuele Camilleri kien l-uniku eredi ta' l-imsemmi Prokuratur Legali Giuseppe Benedetto Saliba istitwit b'testment ippubblikat fl-atti tiegħi ta' l-ewwel (1) t'April elf disa mija u tmienja u sebgħin (1978)."*

Imbagħad wara din il-premessa il-partijiet għaddew biex jikkoreġu l-att preċedenti fis-sens illi: "*Fuq parti mill-art trasferita hemm l-immobbli deskritt u li huwa għalhekk inklużi fil-bejgħ oriġinali*." [14]

Minn eżami ta' dawn l-atti u dokumenti oħra esebiti fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża, wieħed jista' jasal biex jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

(i) fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-beni appartenenti lill-ġenituri tagħha, l-imsemmija Vincenza Saliba kienet ġiet assenjata r-raba' porzjon li kien jinkludi l-**unika proprjeta'** li l-ġenituri tagħha kienu jipposjedu ġewwa ċ-Cittadella fl-epoka tal-mewt tagħhom. Din kienet ġiet deskritta fir-relazzjoni peritali li kienet saret fl-okkażjoni ta' dik id-diviżjoni bil-mod segwenti: " ***Żewġ meżżanini llum dirokkati, b'mandretta magħhom ta' ċirka sieħ u nofs imissu mil Punent, Lvant u***

[14] Dok. D esebit mill-attriċi maċ-ċitazzjoni a fol. 19 - 22 tal-process .

***Tramuntana mat-Triq, fuq is-Sur, Belt Vittoria, Gozo***." [15]

(ii) Dan ma jistax ifisser ħlief illi d-"*due luoghi di case congunti, uno dei quali e' segnato coi N 5 e l'altro coi Ni. 6, 7, 8 e 9 posti nel Castello di Citta' Vittoria e nella Strada Quartiere*", imħollija *inter alia* bħala parti mill-patromonju sagru *durante vita* lil ħuha l-qassis Giorgio Saliba,[16] li kif rajna kien għadu kemm miet ftit xhur qabel ma saret l-istess diviżjoni, huma neċessarjament l-istess beni li messew lil Vincenza Saliba b'din id-diviżjoni. Naturalment dawn il-fondi li anke fl-1899, meta sar dan il-patromonju sagru kienu ġew deskritti bħala *antiki*, sa meta ġiet biex issir din id-diviżjoni aktar minn ħamsin sena wara, laħqu saru "*dirokkati*", bil-konsegwenza illi l-ġiardinetta annessa mal-fond bin-numri 6 sa 9 minn "*otto misure e mezzo*"[17] sa dakinhar laħqet saret għalqa ta' siegħ u nofs. Meta mbagħad Emmanuel Camilleri ġie biex jagħmel id-denunzja tas-suċċessjoni tal-P.L. Giuseppe Benedetto Saliba fl-1981, din il-proprjeta' ġiet deskritta bħala "*a site on the Citadel of Gozo - Victoria, Gozo, denominated 'tal-Kastell' of the area of about 15 kejliet bounded: W.= Quarter Street, North and East boundary = Zanka Street. It is protected by the Antiquites Committee and cannot therefore be used for building purposes. It is a waste site and cannot either be cultivated; times ago it was the site of residential buildings*." [18] Ta' min jinnota illi f'din id-denunzja ġie njorat għal kollox l-ispazju okkupat bil-"*mezzanini dirokkati*" msemmija fl-att ta' diviżjoni.

(iii) Ma kienu għalhekk xejn ġustifikati l-aħwa Cini jesiġu mingħand Emmanuel Camilleri li jsir l-att korrettorju tal-1991, biex jinkludu fil-bejgħ il-fondi numri 5, 6, 7, 8,u 9 bħala xi beni għal kollox separati u distinti minn dawk li kien ġia begħlhom bl-att preċedenti tal-1990. Dakinhar il-proprjeta' in vendita kienet ġiet korrettement

---

[15] ara relazzjoni annessa mal-kuntratt ta' diviżjoni tal-21.2.1951 atti Nutar F. Refalo a fol 167 tal-process

[16] ara traskrizzjoni ta' l-att ta' kostituzzjoni ta' dan il-patrimonju sagru; Dok. B a fol. 9 tal-process

[17] ara deskrizzjoni tal-fondi mogħtija f'dan l-att

[18] ara kopja tad-denunzja relattiva Dok. MC 6 a fol. 174

deskritta bħala "*għalqa*" li tkejjel tliet mija erbgħa u sebgħin metri kwadri (374 mk.), li naturalment kienet tinkludi l-ispazju qabel okkupat biż-żewġ meżżanini "*dirokkati*" li, kif kien ġia ġie dikjarat fid-denunzja tal-P.L. Saliba għaxar snin qabel, laħqu waqgħu għal kollox.

(iv) Fatturi oħra li jkomplu jimmilitaw kontra t-teżi ta' l-attriċi huma s-segwenti:

(a) is-*site plan* esebita mill-attriċi stess biex tindika il-fond in kwistjoni (bil-kulur aħdar) in relazzjoni mal-fondi l-oħra li għadhom weqfin fi Triq il-Kwartieri, ċ-Cittadella,[19] meta mqabbla mal-pjanata annessa mal-kuntratt tal-1990,[20] tindika d-distanza konsiderevoli li hemm bejn l-art mixtrija b'dak l-att u l-fond in kwistjoni. Ma jistax ikun għalhekk illi dak li kien ġie deskritt bħala "*żewġ meżżanini dirokkati b'siegħ u nofs raba magħhom"* fid-diviżjoni msemmija, (għax l-attriċi żgur li ma tistax tirreklama iżjed minn hekk), tant espanda li spiċċa jwassal sa dak il-bogħod kollu bejn l-għalqa minnhom mixtrija u l-fond *de quo* ;

(b) l-irjiħat mogħtija għal din il-proprjeta' fuq l-istess att ta' diviżjoni, u ċioe' li dawn il-beni jmissu punent, tramuntana u lvant mat-triq, jindikaw illi dak li kien mess lil Vincenza Saliba fil-Kastell kellu tliet faċċati fuq it-triq, proprju kif ġie indikat fuq il-pjanta annessa ma' l-att tal-1990, mentri l-fond *de quo*, kif ġia ngħad jinsab ferm iżjed 'l isfel lejn in-nofsinhar, meta nafu illi l-art ta' Saliba, inkluż il-bini, ma setgħetx tkejjel wisq iżjed minn 374 m.k.

(c) huwa fatt illi ta' l-inqas fl-1901 u fil-1950 in-numri tal-bibien fi Triq il-Kwartieri ġew mibdula, u dan kif jirriżulta mill-kopji tal-paġni relattivi tal-Gażetta tal-Gvern esebiti mill-konvenuti nomine;[21] għal din ir-raġuni wkoll, apparti l-fatt illi ma ġie ppruvat bl-ebda mod illi l-fond *de quo* xi darba kellu n-numru ħamsa (5), jkompli jitfa' dubbju kemm tassew il-"*luogo di case N 5*" indikat fil-

---

[19] Dok. MC 1 a fol. 156 tal-process
[20] Dok. X a fol. 17 tal-process
[21] ara Dokti. VP 3 u VP 4 a fol. 108 u 109 tal-process

patromonju sagru tar-Reverendu Giorgio Saliba, seta' qatt kien l-istess wieħed li qed tirreklama l-attriċi;

(d) irriżulta waqt l-aċċess miżmum mill-Qorti fuq il-post illi l-fond in kwistjoni xi darba kellu garigor fil-ġemb ta' l-entrata tiegħu, li minnu issa kien baqa' biss iċ-ċilindru;[22] mentri mid-deskrizzjoni tal-fond numru ħamsa (5) mogħtija fl-att ta' kostituzzjoni ta' patromonju sagru tar-reverendu Saliba, nafu illi dan kellu taraġ mikxuf ("*scala scoperta conducente per il piano superiore*"),[23] u mkien ma jissemma ebda garigor bħal dan.

Dan kollu jitfa' dubbju serju kemm verament il-fond bla numru mixtri mill-konvenuti nomine mingħand Camel Attard bil-kuntratt tal-1994 seta' qatt kien l-istess wieħed suppost akkwistat minn ulied l-attriċi bl-att korrettorju tal-1991 u li fuqu qed tibbaża t-teżi tagħha l-attriċi.

Għaldaqstant, f'tali ċirkostanzi, fejn l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova fil-grad ta' ċertezza rikjest mill-liġi fil-kamp ċivili, it-titolu tagħha fuq il-fond in kwistjoni, il-konvenuti nomine ma huma tenuti jġibu ebda provi dwar it-titolu tagħhom, altrimenti meħtieġa f'kawżi simili ta' rivendika, meta tingħata l-eċċezzjoni tat-titolu, u għalhekk il-kawża preżenti ma tistax tirnexxi.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża, billi filwaqt illi tilqa' din l-eċċezzjoni tal-konvenuti nomine fuq il-mertu, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[22] ara verbal ta' l-aċċess tal-4.11.2003 a fol. 42 tal-process
[23] ara deskrizzjoni a fol. 9 tal-process